MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA

Seduta tas-6 ta' Frar, 2014

Rikors Numru. 272/2013

**Citazzjoni numru: 1074/01 JRM**
**Anthony Sammut**
**vs.**
**Domenic Zahra**

**Deciza : 12 ta' Frar, 2002**

**Il-Qorti ,**

Rat ir-rikors ta' Anthony Sammut (I.D. 58253M) tal-18 ta'Marzu 2013, li jaqra hekk:

*"Illi l-kawza fl-ismijiet premessi giet deciza definitivament fit-12 ta' Frar 2002 (vide Dok AS1 u AS2).*

*Illi l-esponenti naqas milli jesegwixxi s-sentenza moghtija favur tieghu.*

*Ghaldaqstant, l-esponenti jitlob bir-rispett sabiex din l-Onorabli Qorti tawtorizzah jesegwixxi s-sentenza esebita bhala Dok. AS1."*

Rat illi l-kontenut intier tar-rikors promotorju gie konfermat bil-gurament mir-rikorrenti fit-30 ta'Mejju 2013 (fol. 15 et seq) u fl-14 ta' Novembr 2013;

Rat li ghalkemm l-intimat kien debitament notifikat skond il-ligi bir-rikors u bl-avviz tas-smiegh tal-kawza hija ma pprezentax risposta;

Rat il-kopja legali tas-sentenza moghtija fit-12 ta' Frar 2002 minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-kawza fl-ismijiet 'Anthony Sammut vs Domenic Zahra' (cit. Nru. 1074/01 JRM) li tinsab esebita a fol 3 sa 6;

Rat illi minn dik is-sentenza ma gie interpolat ebda appell (vide Dok. AS2, a fol 7);

**Ikkonsidrat :**

Din l-istanza tinkwadra ruhha fil-kuntest ta` l-Art.258 u 259 tal-Kap.12 .

Jirrizulta li s-sentenza 12 ta' Frar 2002 minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-kawza fl-ismijiet 'Anthony Sammut vs Domenic Zahra ' (cit. Nru. 1074/01 JRM) ghaddiet in gudikat u ghalhekk tikkostitwixxi titolu esekuttiv skond l-Art.253(a) tal- Kap.12 .

Jirrizulta li din is-sentenza baqghet ma gietx ezegwita u ghaddew aktar minn ghaxar snin minn meta setghet tigi ezegwita. Ghalhekk il-kaz jaqa` fl-ambitu tal- Art.258(a) tal-Kap.12 .

Jirrizulta b'mod car daqs il-kristall illi l-intimat mid-data tas-sentenza (12 ta' Frar 2002) 'l hawn wettaq diversi xoghlijiet lill-attur.

Dan l-informazzjoni ma gietx imtennija mill-attur minn rajh, izda biss fuq domandi tal-Qorti. L-attur deher illi ma kienx

zgur mis-somma preciza illi kienet ghadha dovuta mill-intimat.

Ghaldaqstant din il-Qorti, tat lill-attur opportunita sabiex jipprezenta affidavit u prospett, li juri b'mod preciz il-bilanc li kien ghadu dovut mill-intimat, izda dan ma sehhx fis-seduta tal-20 ta' Gunju – vide fol 11.

Illi fis-seduta tal-14 ta' Novembru 2013 pero, l-attur Anthony Sammut xehed u ipprezenta rendikont tal-ammonti dovuti mill-intimat, waqt illi l-intimat Domenic Zahra tela' fuq il-pedana tax-xhieda u ammetta illi l-ammont pretiz fis-sentenza tat-12 ta' Frar 2002 ghadu kollu dovut.

Ghar-ragunijiet kollha premessi u wara li rat l-Artikolu 258 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta'Malta, l-Qorti tilqa' t-talba tar-rikorrenti bl-ispejjez kontra l-intimat.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------